Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**8042/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0101(COD)**

**ASILE 32**
**FRONT 93**
**JAI 480**
**CODEC 447**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' April 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 186 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 186 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 186 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2025
COM(2025) 186 final

2025/0101 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

**Kuntest**

F'Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar il-proposti leġiżlattivi li jinkludu l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jġibu riforma komprensiva tar-regoli tal-UE dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sistema komuni tal-ażil fil-livell tal-UE.

Skont id-Direttiva 2013/32/UE ("id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil"), l-indikazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri hija possibbli biss fil-livell tal-Istati Membri. Ir-Regolament (UE) 2024/1348 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE ("ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil"), li jifforma parti mill-Patt, għall-ewwel darba jipprevedi l-possibbiltà li jiġu ddeżinjati pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Fis-16 ta' Diċembru 2024, fl-ittra tagħha lill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern qabel il-Kunsill Ewropew, il-President von der Leyen għarrfet li l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA) kienet intalbet taċċellera l-analiżi tagħha tal-pajjiżi terzi speċifiċi li potenzjalment jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, bil-ħsieb li titfassal lista tal-UE. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2024 jieħdu nota tal-ħidma li għaddejja dwar il-pajjiżi ta' oriġini sikuri. Bħala segwitu, fl-ittra tagħha tas-17 ta' Marzu 2025 lill-Kapijiet ta' Stat qabel il-Kunsill Ewropew, il-President von der Leyen għarrfet li, abbażi tal-analiżi mill-Aġenzija tal-UE għall-Ażil u sorsi oħra ta' informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għall-ewwel lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Ladarba tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, din il-lista se tkun dinamika u tista' tiġi estiża jew riveduta aktar maż-żmien.

Din il-proposta **għandha l-għan li tiddeżinja pajjiżi kandidati u kandidat potenzjali wieħed** għas-sħubija fl-UE **kif ukoll sitt pajjiżi oħra** bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Skont ir-Regolament 2024/1348, meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur, l-eżami ta' applikazzjoni jiġi aċċellerat u jitlesta fi żmien massimu ta' 3 xhur. Barra minn hekk, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera.

F'konformità mar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, pajjiż terz jista' jiġi ddeżinjat biss bħala pajjiż ta' oriġini sikur f'konformità ma' dak ir-Regolament fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, tal-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika u taċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347 (ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika) u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.

Il-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz huwiex pajjiż ta' oriġini sikur f'konformità mar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, trid tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi rilevanti u disponibbli ta' informazzjoni, inkluż informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija għall-Ażil tal-UE, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti, u fejn disponibbli, għandha tikkunsidra l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament EUAA (UE) Nru 2021/2303.

Meta ssir l-evalwazzjoni, irid jittieħed kont, fost l-oħrajn, tal-punt sa fejn tingħata protezzjoni kontra persekuzzjoni jew dannu serju minn:

- il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tal-pajjiż u l-mod li bih huma applikati;
- l-osservanza tad-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali jew il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi jew il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, b'mod partikolari d-drittijiet li minnhom ma tistax issir deroga skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija;
- in-nuqqas ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini proprji lejn pajjiżi terzi fejn, fost l-oħrajn, hemm riskju serju li dawn jistgħu jkunu soġġetti għall-piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni jew trattament jew kastig ieħor inuman jew degradanti, jew fejn ħajjithom jew il-libertajiet tagħhom jistgħu jkunu mhedda minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-orjentazzjoni sesswali, is-sħubija fi grupp soċjali jew opinjoni politika partikolari, jew fejn hemm riskju serju ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni lejn pajjiż terz ieħor;
- il-provvediment ta' sistema ta' rimedji effettivi kontra l-ksur ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet.

Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ l-applikazzjoni prattika tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex tappoġġa l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi.

Il-fatt li pajjiż terz huwa inkluż f'lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, ma jistax jistabbilixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini kollha ta' dak il-pajjiż. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż.

Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri fil-livell tal-Unjoni. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-konverġenza fl-eżami tal-applikazzjonijiet u l-proċeduri rilevanti u b'hekk jiskoraġġixxi wkoll il-movimenti mhux awtorizzati ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jintroduċi wkoll **għodod addizzjonali biex jgħinu lill-Istati Membri jimmaniġġjaw l-applikazzjonijiet għall-ażil b'mod aktar effiċjenti**.

L-ewwel nett, **jintroduċi raġuni ġdida għall-applikazzjoni ta' proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera bbażati fuq livell limitu tar-rata ta' rikonoxximent ta' 20 %** fl-UE kollha skont l-Artikoli 42(1)(j) u 42(3)(e) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Din ir-rata ta' rikonoxximent tirreferi għall-proporzjon ta' applikanti minn nazzjonalità partikolari li jingħataw protezzjoni internazzjonali madwar l-UE. Jekk din ir-rata tkun ta' 20 % jew inqas, isservi bħala indikazzjoni li l-applikazzjonijiet minn dik in-nazzjonalità x'aktarx ikunu bla bażi. Għandha l-għan li tagħti lill-Istati Membri għodda flessibbli addizzjonali meta jittrattaw ċerti applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li x'aktarx ikunu bla bażi. Dan

jippermetti lill-Istati Membri jadattaw għall-bidliet fil-flussi migratorji b'mod flessibbli u jipproċessaw applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi aktar malajr.

It-tieni, l-Artikolu 59(2) u l-Artikolu 61(2) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jippermettu, rispettivament, **id-deżinjazzjoni, b'eċċezzjonijiet, ta' pajjiżi terzi sikuri u pajjiżi ta' oriġini sikuri**, filwaqt li jipprovdu lill-Istati Membri bi flessibbiltà akbar fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza billi jeskludu reġjuni speċifiċi jew kategoriji ta' individwi identifikabbli b'mod ċar. Flimkien, dawn id-dispożizzjonijiet joffru mezzi ta' ġestjoni effiċjenti tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi filwaqt li jinżammu s-salvagwardji legali meħtieġa.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-għodod se jgħinu biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi li tfaċċaw fil-prattika fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċetti ta' "pajjiż terz sikur" u "pajjiż ta' oriġini sikur". Madankollu, peress li bħalissa huma mistennija li jibdew japplikaw biss f'Ġunju 2026, l-applikazzjoni mdewma tagħhom toħloq lakuna għall-Istati Membri li jfittxu soluzzjonijiet immedjati u effettivi għall-isfidi proċedurali fil-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li t-tressiq tal-applikazzjoni tagħhom permezz ta' emenda mmirata għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil attwali tipprovdi lill-Istati Membri bil-mezzi legali u proċedurali meħtieġa biex japplikaw il-kunċetti ta' "pajjiż terz sikur" u ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, ikun diġà jista' jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li japplikaw il-bażi l-ġdida għall-proċeduri aċċellerati u fil-fruntieri (jiġifieri l-pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent), li jippermettilhom jadattaw u jirreaġixxu malajr għal kwalunkwe bidla fil-flussi migratorji. Se toffri wkoll għodda oħra biex l-applikazzjonijiet għall-ażil li x'aktarx ikunu bla bażi jiġu pproċessati b'mod effettiv u rapidu. L-iżgurar ta' applikazzjoni aktar bikrija ta' dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxi wkoll għal konsistenza akbar madwar l-Istati Membri, filwaqt li jnaqqas id-diverġenzi fil-prattiki nazzjonali u r-riskji ta' litigazzjoni. Billi jantiċipaw l-implimentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jkunu mgħammra b'għodod addizzjonali biex jissimplifikaw l-ipproċessar tal-ażil.

Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li tavvanza l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil li jippermetti li jiġu pproċessati fil-fruntiera jew fil-proċedura aċċellerata l-applikazzjonijiet minn applikanti ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz li għalihom il-proporzjon ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE mill-awtoritajiet determinanti li jagħtu protezzjoni internazzjonali jkun ta' 20 % jew inqas. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tavvanza l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil li jippermettu d-deżinjazzjoni ta' pajjiżi terzi sikuri u pajjiżi ta' oriġini sikuri b'eċċezzjonijiet (l-Artikoli 59(2) u l-Artikolu 61(2)), sabiex tagħmilha aktar flessibbli għall-Istati Membri li jagħmlu dan fil-livell nazzjonali jekk ikunu jixtiequ jagħmlu hekk.

<u>**Proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' din il-proposta**</u>

Fuq talba tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil stabbiliet metodoloġija biex tappoġġa l-identifikazzjoni tal-pajjiżi li jistgħu jiġu kkunsidrati għal deżinjazzjoni possibbli bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, inklużi pajjiżi kandidati tal-UE u kandidat potenzjali wieħed; pajjiżi ta' oriġini li joħolqu ammont sinifikanti ta' każijiet ta' ażil fl-UE b'rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha ta' 5 % jew inqas; pajjiżi mingħajr viża li joħolqu ammont sinifikanti ta' każijiet ta' ażil fl-UE b'rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha ta' 5 % jew inqas; pajjiżi li jidhru fil-listi tal-Istati Membri eżistenti ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri.

Abbażi ta' din il-metodoloġija, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu lill-Aġenzija tħejji l-Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

L-informazzjoni miġbura mill-Aġenzija hija bbażata fuq varjetà ta' sorsi, li jinkludu, iżda mhux limitati għal: rapporti tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi r-rapporti dwar it-tkabbir tal-UE; rapporti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna; rapporti mill-Aġenziji tal-UE (bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali); rapporti mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (eż. il-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem) u organizzazzjonijiet mhux governattivi; analiżijiet politiċi minn gruppi ta' riflessjoni dwar il-politika u r-relazzjonijiet internazzjonali; artikli tal-media online verifikati; artikli tal-gazzetti, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiżi kkonċernati.

Bl-għajnuna tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, u f'konsultazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni Ewropea waslet għall-konklużjoni li, meta jitqies li b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo[1], kandidat potenzjali tal-UE, kif muri mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, dawk il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, sakemm ma japplikawx ċerti ċirkostanzi speċifiċi. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għad-deżinjazzjoni futura possibbli ta' pajjiżi terzi oħra bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

**Pajjiżi terzi li jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

***Pajjiżi kandidati***

Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw l-**istatus ta' pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE**, l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kwalunkwe pajjiż li jixtieq isir membru tal-UE jrid jikkonforma magħhom.

Dawn il-kriterji ("kriterji ta' Copenhagen") ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u msaħħa mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995.

Dawn huma:

- l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi;
- ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li jiffaċċjaw il-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE;

[1] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- il-kapaċità li jassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-kapaċità li jimplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tal-liġi tal-UE (l-"acquis"), u l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja.

Pajjiż jingħata l-istatus ta' "pajjiż kandidat" mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-UE.

B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom.

Għalhekk, il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Madankollu, għandu jitqies il-fatt li, matul il-proċess ta' adeżjoni, is-sitwazzjoni fil-pajjiż kandidat tista' tevolvi sal-punt li l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala pajjiż ta' oriġini sikur ma tkunx għadha ġġustifikata. Dan jista jkun il-każ meta:

- ikun hemm vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;
- jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;
- jew ir-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż hija ogħla minn 20 %, raġuni għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u aċċellerata, peress li 'l fuq minn dik ir-rata ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu bla bażi skont ir-raġunijiet għall-aċċellerazzjoni fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

***Kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE:***

Fir-rigward tal-**Kosovo**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, 16-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 5 % fl-2024. Il-Kosovo huwa kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE.

Il-Kostituzzjoni tal-Kosovo tinkorpora l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kosovo applika għas-sħubija fl-UE u qed javvanza r-riformi biex itejjeb il-funzjonament tal-ġudikatura u jsaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; il-qafas legali rilevanti huwa konformi mal-istandards Ewropej. B'mod ġenerali, il-qafas legali jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u huwa konformi mal-istandards Ewropej.

Il-Kosovo huwa demokrazija rappreżentattiva parlamentari b'diversi partiti b'diviżjoni tal-poter bejn l-istituzzjonijiet leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura u tas-servizz tal-prosekuzzjoni huma ggarantiti mill-Kostituzzjoni u mil-liġi. Il-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi emendata biex tindirizza l-isfidi li fadal fir-rigward tal-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-ġudikatura. Il-Kosovo għandu fis-seħħ strateġija dwar l-istat tad-dritt għall-2021-2026.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosovo lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

Ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika Madankollu, baqgħu jippersistu każijiet ta' attakki u theddid kontra l-ġurnalisti. Barra minn hekk, filwaqt li l-qafas legali, politiku u istituzzjonali relatat mal-

vjolenza abbażi tal-ġeneru huwa konformi mal-istandards Ewropej, l-implimentazzjoni tiegħu għadha irregolari.

Ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju fil-Kosovo kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-Kosovo juru impenn għall-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin.

Jista' jiġi konkluż li l-popolazzjoni tal-Kosovo ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, kif muri mill-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent, u li għalhekk il-pajjiż jista' jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni.

***Pajjiżi oħra tal-oriġini***

Fir-rigward tal-**Bangladesh**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Bangladesh bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Bangladesh kienet ta' 4 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

Il-Bangladesh għaddej minn tranżizzjoni politika lil hinn minn sistema repressiva kkaratterizzata minn abbużi frekwenti tad-drittijiet tal-bniedem; il-proċess għadu għaddej. Il-pajjiż huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Il-gvern preċedenti tneħħa mill-poter wara protesti tal-massa madwar il-pajjiż kollu f'Lulju u fil-bidu ta' Awwissu 2024. Fit-8 ta' Awwissu 2024 daħal fil-kariga gvern interim, immexxi mir-rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi Muhammad Yunus. Il-kompitu primarju tagħhom huwa li jorganizzaw elezzjonijiet ġodda, ippjanati li jsiru lejn l-aħħar tal-2025 jew fil-bidu tal-2026, u li jibdew il-ħidma fuq ir-riformi estensivi biex jerġgħu jiġu stabbiliti l-istituzzjonijiet demokratiċi. Ġew iffurmati għaxar kummissjonijiet ta' riforma, inkluż dwar id-drittijiet tan-nisa, bil-kompitu li jressqu proposti dwar ir-riforma tal-kostituzzjoni, il-pulizija, il-ġudikatura, il-kummissjoni elettorali, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Il-Bangladesh qed jagħmel sforzi fit-tul biex jospita kważi miljun refuġjat Rohingya mill-Myanmar, minkejja l-isfidi persistenti, inkluża t-tbatija ekonomika għall-popolazzjoni b'mod ġenerali. Il-Bangladesh qed jagħmel passi sinifikanti lejn stabbiltà politika u governanza demokratika akbar permezz ta' riformi li għaddejjin. L-isforzi biex jissaħħu l-libertà tal-espressjoni u l-libertajiet tal-istampa qed javvanzaw, enfasizzati bit-tħassir tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. Filwaqt li għad fadal xi sfidi, hemm impenn ċar biex titrawwem soċjetà ċivika aktar miftuħa.

L-UE hija l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-Bangladesh, bis-saħħa tal-preferenzi kummerċjali "Kollox Minbarra Armi" (KMA) u l-industrija tal-ħwejjeġ kompetittiva ħafna tal-Bangladesh li kienet element ewlieni fit-tkabbir pożittiv fl-ekonomija f'dawn l-aħħar snin u kkontribwiet għat-tnaqqis tal-faqar, li wassal għal kisbiet reali fl-iżvilupp għall-popolazzjoni f'termini ta' edukazzjoni u saħħa. L-UE qed tinvolvi ruħha fi djalogu attiv mal-Bangladesh dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u kwistjonijiet klimatiċi. L-UE hija lesta li tappoġġa u takkumpanja proċess ta' transizzjoni demokratiku, paċifiku u inkluživ. In-negozjati ta' ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni tnedew fl-2023.

Fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja, il-kummissjonijiet stabbiliti mill-gvern interim ingħataw il-kompitu li jiġbru ideat għar-riformi tal-ġudikatura, inkluż dwar it-tnaqqis tat-tariffi tal-qorti u l-kawżi pendenti. Dawn l-iżviluppi pożittivi għad iridu jipproduċu riżultati li

jħallu impatt, peress li jidher li l-qrati qed jiffaċċjaw kwistjonijiet ta' kapaċità minħabba ammont kbir ta' kawżi pendenti, dewmien fit-trattazzjoni ta' kawżi, u nuqqas ta' infrastruttura diġitali; barra minn hekk, il-korruzzjoni hija ostaklu kbir għall-aċċess għall-ġustizzja.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. Il-Bangladesh wera impenn li jirrispetta d-drittijiet fundamentali billi jiżgura li ċ-ċittadini tiegħu ma jitkeċċewx, jitneħħew jew jiġu estraditi lejn pajjiżi fejn jistgħu jiffaċċjaw il-piena tal-mewt, it-tortura, il-persekuzzjoni, jew it-trattament inuman jew degradanti.

Għad fadal sfidi rigward is-sitwazzjoni tar-refuġjati Rohingya inklużi inċidenti ta' refuġjati Rohinghya li qed jiġu rritornati lejn l-Istat ta' Rakhine fil-Myanmar u huwa biss titjib fis-sitwazzjoni fil-Myanmar li jista' joħloq il-kundizzjonijiet li jagħmluha possibbli għar-Rohingya li jirritornaw b'mod sikur, sostenibbli, volontarju u dinjituż. Madankollu, għaddejjin sforzi biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-Kostituzzjoni tal-Bangladesh tiggarantixxi l-libertà tar-reliġjon u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet tar-reliġjon, ir-razza, il-kasti jew il-post tat-twelid. Il-Gvern ikompli jaħdem biex irawwem soċjetà inkluživa, u l-inċidenti li jaffettwaw il-minoranzi indiġeni u reliġjużi baqgħu sporadiċi. Il-Musulmani Ahmadiyya u l-minoranzi Kristjani, il-Ħindu u minoranzi oħra kultant esperjenzaw tensjoni, iżda l-isforzi biex jissaħħu l-protezzjonijiet legali u tiġi promossa t-tolleranza għadhom għaddejjin.

Il-Bangladesh għamel progress fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Is-sensibilizzazzjoni dwar id-diversità u l-inklużjoni qed tiżdied gradwalment, għalkemm il-persuni LGBTIQ għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni u fastidju. Hemm diskussjoni dejjem tikber dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jippromwovu politiki aktar inklużivi b'mod attiv, għalkemm l-imġiba kunsenswali bejn persuni tal-istess sess għadha kriminalizzata.

Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. Adotta wkoll Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa u t-Tfal (2018–2030) u l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Bangladesh tinkludi diversi liġijiet li jindirizzaw forom speċifiċi ta' vjolenza kontra n-nisa. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha kwistjoni prevalenti fil-pajjiż, b'inċidenti ta' fastidju sesswali fuq il-postijiet tax-xogħol u fl-iskejjel.

Ir-refuġjati Rohingya jirċievu appoġġ umanitarju fil-kampijiet, inkluż kenn u servizzi essenzjali. Madankollu, għad hemm sfidi, peress li l-Bangladesh mhuwiex parti għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati, bir-refuġjati Rohingya jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq il-moviment u aċċess limitat għall-edukazzjoni formali u l-impjiegi. L-awtoritajiet qed jaħdmu mas-sħab internazzjonali biex itejbu l-miżuri ta' protezzjoni u jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà fil-kampijiet. Barra minn hekk, il-kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet umanitarji għandha l-għan li ttejjeb l-opportunitajiet għall-awtodipendenza u l-istabbiltà fit-tul.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Għalkemm il-Bangladesh għandu l-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi biex tiġi abolita l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt maħruġa jitwettqu

rarament. Barra minn hekk, il-Bangladesh astjena fl-aktar vot reċenti dwar il-piena tal-mewt fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jirrifletti l-impenn tiegħu f'diskussjonijiet globali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Kien hemm rapporti ta' tortura u trattament ħażin tad-detenuti mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mill-militar taħt il-gvern preċedenti. Il-Bangladesh għadu pajjiż paċifiku. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. Filwaqt li għad hemm livell baxx ta' ribelljoni fix-Chittagong Hill Tracts, din għadha lokalizzata u ma toħloqx riskju usa' għas-sigurtà. Il-Gvern ikompli jinvolvi ruħu fi djalogu u fl-iżvilupp ta' inizjattivi biex jippromwovi l-istabbiltà fir-reġjun.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-popolazzjoni tal-Bangladesh ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, il-Bangladesh jista' jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż li jistgħu jisthoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tal-**Kolombja**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, bħalissa l-ebda Stat Membru ma jddeżinja l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika strumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. F'diversi okkażjonijiet, il-Qorti ddikjarat ukoll sitwazzjoni mhux kostituzzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, fosthom deċiżjoni speċifika dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'Diċembru 2023.

Il-Kolombja għandha wkoll għadd ta' politiki, mekkaniżmi u liġijiet biex tipprevjeni abbużi kontra profili ta' persuni fil-mira, bħad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dawk li qabel kienu ġellieda u individwi oħra f'riskju, u biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

Il-Kolombja hija deskritta bħala mexxejja globali fir-rispons tagħha għall-migrazzjoni bla preċedent ta' miljuni ta' Venezwelani fil-fruntieri tagħha u stabbiliet standards ġodda għall-integrazzjoni ta' flussi kbar ta' persuni f'kundizzjonijiet ta' spostament furzat.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-persuni LGBTIQ huma protetti legalment, iżda spiss ikunu fil-mira ta' diskriminazzjoni soċjali. Il-Kolombja tqieset bħala pijunier fil-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bil-ħolqien ta' programm ta' protezzjoni fl-1997. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-mexxejja soċjali u d-difensuri ambjentali kienu s-suġġett ta' qtil, theddid, u stigmatizzazzjoni. Il-ġurnalisti kienu vittmi ta' intimidazzjoni, vjolenza, u ritaljazzjoni għall-ħidma tagħhom. L-attakki kienu kkonċentrati prinċipalment fid-dipartimenti ta' Antioquia, Arauca u Cauca. Quddiem dawn l-isfidi, il-gvern għamel sforzi konġunti biex jindirizza l-vjolenza.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju fil-Kolombja kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali.

Rigward il-preżenza ta' theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern, hemm gruppi armati li jkomplu joperaw u jespandu l-preżenza tagħhom fil-pajjiż kollu. Iż-żoni l-aktar milquta mill-vjolenza kellhom it-tendenza li jkunu dawk li qabel kienu kkontrollati mill-FARC, u fejn ir-riżorsi bħall-għelejjel tal-koka u l-estrazzjoni illegali huma kkontestati. Il-missjoni ta' Verifika tan-NU fil-Kolombja tindika li l-konflitti armati huma kkonċentrati f'żoni storikament affettwati mill-vjolenza bħaż-żoni rurali ta' Antioquia, Arauca, in-Nofsinhar ta' Bolívar, Caquetá, Cauca, Chocó, Guaviare, Meta, Nariño, Norte de Santander, Putumayo, u Valle del Cauca.

Peress li r-riskju reali ta' persekuzzjoni u dannu serju jidher li huwa kkonċentrat f'żoni rurali speċifiċi ta' reġjuni fil-Kolombja, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Kwalifika, jagħtu attenzjoni partikolari dwar jekk l-applikanti mill-Kolombja humiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minħabba li jistgħu jivvjaġġaw b'mod sikur u legali lejn parti mill-Kolombja u jiksbu ammissjoni fiha u jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jissetiljaw hemmhekk u jekk, f'dik il-parti tal-pajjiż, l-applikanti ma għandhomx biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew ma jiffaċċjawx riskju reali li jsofru dannu serju; jew ikollhom aċċess għal protezzjoni effettiva u mhux temporanja kontra l-persekuzzjoni jew dannu serju.

Jista' jiġi konkluż li, b'mod ġenerali, il-popolazzjoni tal-Kolombja ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, il-Kolombja tista' tiġi ddeżinjata bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż li jistgħu jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tal-**Eġittu**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), iżda għadu ma sseħibx mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat. Il-pajjiż jospita diversi miljuni ta' refuġjati u persuni li jfittxu ażil, sitwazzjoni li ġiet aggravata bl-aggravar tal-kunflitt fis-Sudan. L-Eġittu reċentement approva liġi ġdida dwar l-ażil u qed jikkoopera mal-UNHCR għat-tranżizzjoni lejn l-implimentazzjoni.

Il-Kostituzzjoni tal-Eġittu tiddefinixxi l-pajjiż bħala repubblika demokratika, fejn il-President iservi kemm bħala l-kap tal-istat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Fl-2021, l-Eġittu abolixxa l-istat ta' emerġenza (minbarra ż-żoni fis-Sinaj).

Rigward l-aċċess għall-ġustizzja, il-Kostituzzjoni Eġizzjana tipprevedi l-indipendenza, l-immunità u l-imparzjalità tal-ġudikatura. Minn mindu tneħħa l-istat ta' emerġenza fl-2021, il-mekkaniżmi ġudizzjarji ordinarji kienu operattivi. Madankollu, l-awtoritajiet ikomplu jużaw il-qrati ta' emerġenza u militari biex iħarrku individwi skont dispożizzjonijiet wiesgħa tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu u liġijiet oħra.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-Kostituzzjoni tirrikonoxxi l-Kristjaneżmu, l-Iżlam u l-Ġudaiżmu u tafferma li ċ-ċittadini huma ugwali quddiem il-liġi u fid-drittijiet, il-libertajiet, u d-dmirijiet ġenerali mingħajr diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon u s-sess. Id-diskriminazzjoni u l-inċitament għall-mibegħda huma reati punibbli bil-liġi. Madankollu, ċerti affiljati reliġjużi jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni fil-prattika. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti politiċi u l-avversarji jistgħu jiffaċċjaw arrest arbitrarju u tortura, u jistgħu jkunu mmirati b'miżuri bħal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi. L-imġiba kunsenswali bejn persuni tal-istess sess mhijiex kriminalizzata b'mod espliċitu fl-Eġittu, għalkemm is-sitwazzjoni tal-LGBTIQ għadha sfida.

L-isfidi tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu għadhom sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali, il-governanza u l-istat tad-dritt. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, it-tmexxija politika fl-Eġittu ħadet passi li jpoġġu enfasi akbar fuq l-importanza tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Aboliet l-istat ta' emerġenza (minbarra f'żoni fis-Sinaj), nediet l-ewwel Strateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem li qatt saret, reġgħet nediet il-Kumitat Presidenzjali tal-Amnestija, li ħeles lill-priġunieri politiċi u beda Djalogu Nazzjonali. L-Eġittu intensifika l-impenn tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-UE, inkluż permezz ta' skambji mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Eġittu jinvolvi ruħu f'fora internazzjonali u jikkoopera mal-OHCHR tan-NU fi proġett iffinanzjat mill-UE li għandu l-għan li jistabbilixxi sħubija bejn l-UE u n-NU, billi joħloq sinerġiji biex tissaħħaħ kultura ta' drittijiet tal-bniedem fl-Eġittu.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. L-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Madankollu, l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, li f'ċerti każijiet tiġi applikata fil-prattika. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

Biex jindirizza dawn l-isfidi, fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' reati kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali.

Jista' jiġi konkluż li, b'mod ġenerali, il-popolazzjoni tal-Eġittu ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, l-Eġittu jista' jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż li jistgħu jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tal-**Indja**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, disa' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Indja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Indja kienet ta' 2 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika strumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

L-Indja hija repubblika kostituzzjonali u demokrazija parlamentari. Fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja, il-ġudikatura Indjana hija fil-biċċa l-kbira funzjonali u indipendenti mill-fergħat leġiżlattivi u eżekuttivi. Barra minn hekk, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jista' jiġi

investigat u rimedjat minn korp indipendenti skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, responsabbli quddiem il-Parlament Indjan.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Indja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Huwa rrappurtat li l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti li jaħdmu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jiffaċċjaw fastidju fiżiku u online kif ukoll attakki.

Il-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin hija dritt kostituzzjonali stabbilit. Għad fadal sfidi għall-komunitajiet Musulmani u Kristjani li jiffaċċjaw diskriminazzjoni u vjolenza settarja. Hemm ukoll sfidi relatati ma' rimedji ġudizzjarji u amministrattivi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra gruppi ta' minoranza reliġjużi.

L-Indja tirrikonoxxi uffiċjalment id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-liġi nazzjonali tagħha. Il-vjolenza sesswali għadha kwistjoni serja. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiż, u l-awtoritajiet ġudizzjarji ħadu diversi deċiżjonijiet importanti li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa.

Il-Kostituzzjoni Indjana tiżgura opportunitajiet indaqs u l-gvern Indjan ħa miżuri biex jirriżerva postijiet għall-membri tal-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati fis-settur pubbliku u l-universitajiet, u dan allegatament tejjeb il-mobilità soċjali. Il-liġijiet li jipproteġu l-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati jibqgħu infurzati b'mod inadegwat.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Għandu jiġi nnotat li l-Indja żżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma ffirmatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt. Madankollu, kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' sentenzi tal-mewt maħruġa, u allegatament il-piena tal-mewt ma ġietx applikata fil-prattika mill-2020.

L-Indja rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, għalkemm ġew irrappurtati każijiet ta' tortura mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Indja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

Jista' jiġi konkluż li, b'mod ġenerali, il-popolazzjoni tal-Indja ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, l-Indja tista' tiġi ddeżinjata bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż li jistgħu jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tal-**Marokk**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, 11-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Marokk bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Marokk kienet ta' 4 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika strumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

Il-Kostituzzjoni tal-2011 tistabbilixxi monarkija b'Parlament li tagħti l-ogħla awtorità lir-Re. Il-Kostituzzjoni tintroduċi wkoll il-prinċipju ta' separazzjoni, bilanċ u kollaborazzjoni tas-setgħat u tafferma l-indipendenza tal-ġudikatura, bir-Re bħala garanti, kif ukoll il-prinċipju tal-irrevokabbiltà tal-imħallfin.

Mill-2012, il-Marokk beda riforma mingħajr preċedent immirata lejn it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, inkluż dwar ir-riforma tal-kodiċi kriminali. L-awtoritajiet ħadu azzjoni biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja u l-ħidma qed tkompli titjieb f'oqsma relatati mat-trasparenza, il-korruzzjoni u l-prattiki abbużivi.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Marokk lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Għaddejjin sforzi biex tiġi miġġielda l-vjolenza domestika, u biex jiġu avvanzati d-drittijiet tan-nisa, fosthom permezz tar-riforma li għaddejja tal-liġi tal-familja. Il-Marokk għandu rwol attiv f'formati multilaterali, u qed jieħu għadd ta' inizjattivi ambizzjużi. Kien hemm każijiet fejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu soġġetti għal ċerti restrizzjonijiet u ġurnalisti kritiċi ngħataw sentenzi allegatament għal reati kriminali, li sussegwentement ingħataw maħfra mir-Re. Filwaqt li l-imġiba kunsenswali bejn persuni tal-istess sess hija ġeneralment ittollerata meta tkun fl-isfera privata, tibqa' reat kriminali taħt il-kodiċi penali. Is-sitwazzjoni tal-LGBTIQ tibqa' sfida.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-Marokk osserva moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1993, għalkemm iżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tiegħu u ma rratifikax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. F'Diċembru 2024, il-Marokk ivvota favur Riżoluzzjoni għal moratorju globali fuq il-piena tal-mewt fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-operazzjonalizzazzjoni tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Prevenzjoni kontra t-tortura hija pass importanti lejn it-titjib tad-drittijiet tal-priġunieri, fejn għad fadal xi sfidi.

Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Marokk u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-popolazzjoni tal-Marokk ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, il-Marokk jista' jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż li jistgħu jisthoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fir-rigward tat-**Tuniżija**, skont l-informazzjoni mill-EUAA, 10 Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lit-Tuneżija bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mit-Tuneżija kienet ta' 4 % fl-2024.

Il-pajjiż irratifika strumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (CAT) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

Il-Kostituzzjoni tal-2022 tistabbilixxi sistema presidenzjali, bil-president elett b'vot pubbliku nazzjonali kull 5 snin. Il-President u l-Assemblea tar-Rappreżentanti tal-Poplu għandhom il-prerogattiva tal-inizjattiva leġiżlattiva, għalkemm il-proposti tal-President jieħdu prijorità fuq il-proposti leġiżlattivi ppreżentati mill-Membri tal-Assemblea tar-Rappreżentanti tal-Poplu.

Fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja, il-kostituzzjoni tipprevedi li l-ġudikatura hija funzjoni indipendenti eżerċitata minn imħallfin li fuqhom ma hemm l-ebda awtorità għajr il-liġi u tagħti mandat lill-korpi ġudizzjarji biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol indipendenti tal-ġudikatura fil-protezzjoni minn ksur mill-eżekuttiv u l-leġiżlatura. Is-sistema ġudizzjarja hija rrapportata li qed tiffaċċja sfidi inkluż minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi.

Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tat-Tuneżija lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-figuri politiċi u l-attivisti, kif ukoll l-avukati u l-imħallfin, kienu soġġetti għal miżuri restrittivi, inklużi d-detenzjoni, l-arrest, u l-prosekuzzjoni, dan spiss taħt liġijiet kontra t-terroriżmu u kontra l-korruzzjoni. Il-ġurnalisti ffaċċjaw prosekuzzjoni u detenzjoni, abbażi ta' akkużi bħall-insulti lill-awtoritajiet jew it-tixrid ta' aħbarijiet foloz. F'termini ġenerali, l-atti ta' repressjoni ma waslux f'punt li jirriflettu sitwazzjoni ta' repressjoni sistematika fuq skala kbira. Madankollu, fil-qasam tal-protezzjoni tal-migranti, il-membri ta' organizzazzjonijiet involuti fl-għoti ta' akkomodazzjoni lill-migranti u lir-refuġjati ġew soġġetti għal investigazzjoni tal-pulizija u detenzjoni ta' arrest preventiv. L-imġiba kunsenswali bejn persuni tal-istess sess għadha pprojbita skont il-liġi kriminali tat-Tuneżija, li tipprevedi sentenzi ta' ħabs sa 3 snin. Xi drabi l-liġi ġiet infurzata f'dawn l-aħħar snin. Is-sitwazzjoni tal-LGBTIQ tibqa' sfida. Fl-istess ħin, xi gruppi speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem LGBTIQ huma rikonoxxuti uffiċjalment u rreġistrati legalment.

B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. It-Tuneżija ilha tosserva moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1991, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, u ġie rapportat li l-qrati nazzjonali taw sentenzi lil individwi għall-piena tal-mewt.

It-Tuneżija rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. L-implimentazzjoni sħiħa għadha pendenti.

Ma hemm l-ebda kunflitt armat fit-Tuneżija u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-popolazzjoni tat-Tuneżija ma tiffaċċjax persekuzzjoni jew riskju reali ta' dannu serju, fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq u kif muri wkoll mir-rata baxxa ta' rikonoxximent fl-UE kollha. Għalhekk, it-Tuneżija tista' tiġi ddeżinjata bħala pajjiż ta' oriġini sikur. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti gruppi fil-pajjiż, li jista' jisthoqqilhom attenzjoni partikolari.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta hija konsistenti mar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, li jipprevedi l-possibbiltà li pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Hija konsistenti wkoll mar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, li japplika għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għall-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali mogħtija, u tistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar liema atti għandhom jitqiesu bħala atti ta' persekuzzjoni jew dannu serju skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, u liema elementi għandhom jitqiesu meta jiġu vvalutati r-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta biex tiġi stabbilita lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u biex jiġu ddeżinjati, b'mod partikolari, pajjiżi terzi li ġew iddeżinjati bħala pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE mill-Kunsill Ewropew hija konsistenti mal-politika tat-tkabbir tal-Unjoni. Meta l-pajjiżi rilevanti ġew iddeżinjati bħala pajjiżi kandidati mill-Kunsill Ewropew, il-valutazzjoni kienet li huma ssodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen tal-21-22 ta' Ġunju 1993 dwar l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Il-pajjiżi kandidati se jkollhom ikomplu jissodisfaw dawn il-kriterji biex isiru membri tal-Unjoni. Il-progress biex jiġu ssodisfatti l-kriterji politiċi u ekonomiċi kif ukoll l-allinjament mal-acquis hija vvalutata kull sena fir-rapport ta' progress annwali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-proposta tappoġġa l-għanijiet ġenerali tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u b'mod partikolari l-għan li l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE jsir aktar effiċjenti u li jinstabu soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni u l-qsim tal-piż ma' pajjiżi terzi.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 78(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li huwa l-bażi legali għal miżuri dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' status uniformi ta' ażil u ta' protezzjoni sussidjarja. Il-proposta għandha l-għan li tindika pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil billi temenda dan ir-Regolament, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 78(2)(d) TFUE.

- **Ġeometrija varjabbli**

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda ma għandhiex tieħu sehem fl-adozzjoni u ma għandha tkun marbuta bl-ebda miżura adottata skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE, li tinkludi miżuri li jistabbilixxu Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Madankollu, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda tista' tiddeċiedi li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' tali miżuri. L-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fir-Regolament il-ġdid dwar il-Proċedura tal-Ażil. Tista' tagħżel ukoll li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-proposta, li temenda r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, f'konformità mal-Artikoli 3 u 4a tal-Protokoll 21.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti ċerti setgħat lill-Unjoni Ewropea f'dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jitħaddmu f'konformità mal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri, jekk u sa fejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, peress li se tiffaċilita l-użu mill-Istati Membri kollha tal-proċeduri marbuta mal-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tindirizza xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, li bħala konsegwenza tagħhom l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li joriġinaw mill-istess pajjiżi terzi mhux dejjem ikunu soġġetti għall-istess proċeduri fl-Istati Membri. L-għan ġenerali tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' jintlaħaq aħjar mill-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-modifiki proposti tal-qafas leġiżlattiv eżistenti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan stabbilit. Il-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri se tiġi stabbilita f'konformità mal-kriterji diġà stabbiliti mir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għad-deżinjazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, u se jkun hemm rieżami regolari tal-pajjiżi fil-lista komuni tal-UE. Fir-rigward tal-emendi proposti għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, dawn huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament relatati mal-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ikunu applikabbli għall-pajjiżi terzi fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri.

- **Għażla tal-istrument**

L-għażla ta' Regolament għall-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri hija ġġustifikata min-natura ta' tali lista komuni, li tiġi stabbilita fil-livell tal-Unjoni u għandha tkun direttament applikabbli fl-ordnijiet ġuridiċi tal-Istati Membri.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fis-16 ta' Diċembru 2024, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, fl-ittra tagħha lill-Kapijiet ta' Stat qabel il-Kunsill Ewropew, ħabbret li l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil kienet intalbet taċċellera l-analiżi tagħha tal-pajjiżi terzi speċifiċi li potenzjalment jistgħu jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, bil-ħsieb li titfassal lista tal-UE. Fil-konklużjonijiet adottati wara l-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-ittra u l-ħidma li għaddejja dwar il-pajjiżi ta' oriġini sikuri. Saru konsultazzjonijiet fl-ogħla livell.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-informazzjoni miġbura mill-Aġenzija huma bbażati fuq varjetà ta' sorsi, li jinkludu, iżda mhux limitati għal: rapporti tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi r-rapporti dwar it-tkabbir tal-UE; rapporti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna; rapporti mill-Aġenziji tal-UE (bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali); rapporti mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (eż. il-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem) u organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; analiżijiet politiċi minn gruppi ta' riflessjoni dwar il-politika u r-relazzjonijiet internazzjonali; artikli tal-media online verifikati; artikli tal-gazzetti, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiżi kkonċernati.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż id-dritt għall-ażil u l-protezzjoni kontra r-*refoulement* kif previst fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta.

F'konformità mar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, il-fatt li pajjiż terz jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur ma jistax jistabbilixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u, għalhekk, mhux se jeżenta mill-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali xieraq tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Huwa mfakkar ukoll li, fejn applikant juri li hemm raġunijiet serji biex il-pajjiż ma jiġix ikkunsidrat bħala sikur fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, l-indikazzjoni tal-pajjiż bħala sikur ma tistax tibqa' titqies rilevanti għal dak l-individwu.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma fiha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE u ma għandux ikollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Istati Membri.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Skont ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, il-Kummissjoni, assistita mill-EUAA, għandha l-obbligu li tirrieżamina s-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Meta jkun hemm bidla sinifikanti għall-agħar fis-sitwazzjoni ta' tali pajjiż terz u wara valutazzjoni sostanzjata, il-Kummissjoni hija obbligata tissospendi d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni għal perjodu ta' 6 xhur permezz ta' att delegat. Skont ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, meta l-Kummissjoni tkun adottat l-att delegat li jissospendi d-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni, fi żmien 3 xhur mid-data tal-adozzjoni ta' dak l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex jiġi emendat dan ir-Regolament biex titneħħa d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni.

Meta l-Kummissjoni ma tkunx ippreżentat il-proposta fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tal-att delegat, l-att delegat li jissospendi lill-pajjiż terz mid-deżinjazzjoni tiegħu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-Unjoni ma jibqax ikollu effett. Meta l-Kummissjoni tippreżenta tali proposta fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tal-att delegat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa, abbażi ta' valutazzjoni sostanzjata, li testendi l-validità ta' dak l-att delegat għal perjodu ta' 6 xhur, bil-possibbiltà li ġġedded dik l-estensjoni darba.

Barra minn hekk, bid-dħul fis-seħħ tal-Patt f'Ġunju 2026, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil se tissorvelja l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil skont l-Artikolu 14 tar-Regolament EUAA (ir-Regolament (UE) 2021/2303). L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur se tkun parti mill-monitoraġġ mill-EUAA. Barra minn hekk, ir-rapporti annwali li l-Kummissjoni trid tadotta skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jinkludu r-riżultati tal-monitoraġġ tal-EUAA u b'hekk l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur u l-lista. Dawn id-diversi elementi għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni meta tivvaluta jekk l-Istati Membri humiex taħt pressjoni migratorja, f'riskju li jkunu taħt tali pressjoni, jew humiex qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti, kif ukoll meta tiddetermina jekk Stat Membru

għandux nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tas-sistema ta' Dublin.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**L-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

L-Artikolu 1 jemenda l-Artikolu 62 billi jintroduċi paragrafu ġdid li jiddeżinja l-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-Unjoni bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, u l-Anness II li jiddeżinja sitt pajjiżi u kandidat potenzjali wieħed għas-sħubija fl-UE bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

**It-tressiq 'l quddiem tal-applikazzjoni tar-raġuni l-ġdida għall-proċedura aċċellerata/fuq il-fruntiera, jiġifieri l-persuni li joriġinaw minn pajjiżi b'rikonoxximent baxx (pajjiżi li għalihom ir-rata ta' rikonoxximent hija ta' 20 % jew inqas)**

Din ir-raġuni l-ġdida għall-proċedura aċċellerata u fuq il-fruntiera prevista fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għandha l-għan li tagħti lill-Istati Membri possibbiltà ulterjuri li jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Ir-raġuni l-ġdida hija bbażata fuq kriterji aktar oġġettivi u faċli biex jintużaw, li skonthom l-Istati Membri għandhom jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet magħmula minn applikanti li ġejjin minn pajjiżi terzi li għalihom is-sehem ta' deċiżjonijiet pożittivi dwar l-ażil fl-għadd totali ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil huwa, skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas. L-applikazzjoni tagħha għandha twassal ukoll għal approċċ aktar armonizzat tal-Istati Membri għall-proċeduri tal-ażil, peress li l-element ewlieni huwa l-perċentwal ta' deċiżjonijiet pożittivi fil-livell tal-UE għall-protezzjoni internazzjonali – indikatur oġġettiv, verifikabbli u b'saħħtu rigward il-probabbiltà tal-ħtieġa ta' xi ħadd għall-protezzjoni.

L-applikazzjoni tar-raġuni għall-aċċellerazzjoni se tibqa' volontarja sakemm ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil isir applikabbli. Fil-prattika, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipproċessaw tali applikazzjonijiet minn persuni li x'aktarx ma jkollhomx bżonn protezzjoni internazzjonali fil-proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera u sussegwentement jirritornaw lil dawk il-persuni malajr. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar malajr u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki tal-ażil u tar-ritorn, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

**Applikazzjoni bikrija ta' eċċezzjonijiet għal pajjiżi terzi sikuri u pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-liġi nazzjonali**

Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jippermetti d-deżinjazzjoni kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, ta' pajjiżi terzi sikuri u ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, b'eċċezzjonijiet territorjali u eċċezzjonijiet għal kategoriji identifikabbli ta' persuni, biex jitqiesu r-realtajiet kumplessi u dinamiċi f'pajjiżi terzi. Sabiex iż-żewġ kunċetti jkunu applikabbli fil-prattika, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-listi nazzjonali tagħhom kmieni kemm jista' jkun qabel Ġunju 2026.

2025/0101 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), il-punt (d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], jistgħu japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur. B'mod partikolari, l-eżami ta' applikazzjoni għandu jiġi aċċellerat u, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-merti ta' applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera.

(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri

[2] ĠU C , , p. .

[3] ĠU C , , p. .

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi deżinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

(4) Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' Stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kull pajjiż li jixtieq isir Stat Membru għandu jikkonforma magħhom. Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u msaħħa mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995. Dawn huma l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li tiffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE; u l-kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-kapaċità li timplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tad-dritt tal-UE, u l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja. Pajjiż jingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-Unjoni.

(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi oħra hija bbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.

(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawk il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, ħlief fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż; jew meta r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 20 %.

5 Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

(7) Fir-rigward tal-Kosovo[6], skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 16-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 5 % fl-2024. Il-Kosovo huwa kandidat potenzjali għas-sħubija mal-Unjoni. Il-Kostituzzjoni tiegħu tinkorpora l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kosovo huwa demokrazija rappreżentattiva parlamentari b'diversi partiti b'diviżjoni tal-poter bejn l-istituzzjonijiet leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji u l-qafas legali rilevanti huwa konformi mal-istandards Ewropej. B'mod ġenerali, il-qafas legali jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u huwa f'konformità mal-istandards Ewropej. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosovo lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. Ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347[7]. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-Kosovo juru impenn għall-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Kosovo u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. Ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt darament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali

[6] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, u li jħassar d-Direttiva 2011/95/EU tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1347/oj )

ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(11) Fir-rigward tal-Indja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, disa' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Indja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Indja kienet ta' 2 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Indja hija repubblika kostituzzjonali u demokrazija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Indja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Filwaqt li l-Indja żżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma ffirmatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, madankollu, il-piena tal-mewt ma ġietx applikata fil-prattika mill-2020. L-Indja rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-

ebda kunflitt armat fl-Indja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(12) Fir-rigward tal-Marokk, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 11-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Marokk bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Marokk kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Marokk huwa monarkija parlamentari. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Marokk lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Marokk osserva moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1993, għalkemm iżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tiegħu u ma rratifikax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Marokk irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Marokk u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(13) Fir-rigward tat-Tuneżija, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 10 Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lit-Tuneżija bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mit-Tuneżija kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-2022 tistabbilixxi sistema presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tat-Tuneżija lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. It-Tuneżija osservat moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1991, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. It-Tuneżija rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fit-Tuneżija u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

(14) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jipprevedi l-possibbiltà li pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(15) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 pajjiż terz jista' jiġi indikat biss bħala pajjiż ta' oriġini sikur fejn, abbażi tas-sitwazzjoni legali, l-applikazzjoni tal-liġi fi ħdan sistema demokratika u ċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347 u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.

(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.

(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.

(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(21) [F'konformità mal-Artikolu 3 l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [bl-ittra ta'...,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan [l-att.]

JEW

[F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan [l-att] u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(22) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(23) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

(24) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1348 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2024/1348 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

''1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;

(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;

(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż — jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi — ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għandhom jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni";

(2) L-Artikolu 79 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, l-Artikolu 59(2), l-Artikolu 61(2) u l-Artikolu 61(5) il-punt (b) għandhom japplikaw mill-jum tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE).../... [li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348] fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 tad-Direttiva 2013/32/UE u dak ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" f'konformità mal-Artikolu 38 tad-Direttiva 2013/32/UE.";

(b) fil-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 42(1), il-punt (j) u l-Artikolu 42(3), il-punt (e), bħala raġunijiet għall-proċedura aċċellerata ta' eżami f'konformità mal-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE jew għall-proċedura mwettqa fil-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2013/32/UE qabel it-12 ta' Ġunju 2026.";

(3) it-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa miżjud bħala Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva ... 3

1,2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ... 3

1,3. Objettiv(i) ... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ... 3

1,4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': ... 4

1,5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva ... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ... 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ... 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ... 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ... 6

1.7. Metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ... 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ... 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ... 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu(i) tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ... 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbilita(i) għall-mitigazzjoni tagħhom ... 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ... 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ... 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ... 10

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i) ..... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ..... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ..... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ..... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ..... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ..... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ..... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ..... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali ..... 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ..... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ..... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ..... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ..... 30
4.2. Data ..... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ..... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ..... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ..... 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ażil

### 1.3. Għan(ijiet)

*1.3.1. Għan(ijiet) ġenerali*

Il-proposta għandha l-għan li tindika pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" (*safe country of origin*, SCO)

*1.3.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi*

Għan speċifiku Nru 1

Li jinkiseb livell ogħla ta' konverġenza dwar il-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1347 ("ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika").

Għan speċifiku Nru 2

Biex jiġu indirizzati xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi sikuri fir-rigward tal-pajjiżi ddeżinjati.

Għan speċifiku Nru 3

Li tavvanza l-possibbiltà li jiġu ddeżinjati SCO u "pajjiż terz sikur" (*safe third country*, (STC) b'eċċezzjonijiet (l-Artikoli 59(2) u 61(2) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil), biex issir aktar flessibbli għall-Istati Membri biex jagħmlu dan fil-livell nazzjonali.

Għan speċifiku Nru 4

Tavvanza l-possibbiltà li jiġu pproċessati fil-fruntiera jew il-proċedura aċċellerata tal-applikazzjonijiet riċevuti minn applikanti ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz li għalihom il-proporzjon ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE mill-awtoritajiet determinanti li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa ta' 20 % jew inqas.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

1. Tittejjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza legali fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur".

2. Tittejjeb il-konverġenza fil-proċeduri tal-ażil, inkluż fir-rigward ta' kategoriji ta' applikanti minn ċerti pajjiżi li jenħtieġ li jiġu diretti lejn il-proċedura regolari.

3. Tissaħħaħ l-effiċjenza tal-proċeduri tal-ażil u titnaqqas il-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil tal-UE u l-abbużi tagħhom.

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-impatt tal-emendi fuq dawn li ġejjin:

1. Ir-rata ta' rikonoxximent għall-applikanti minn pajjiżi indikati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni;

2. L-għadd ta' applikazzjonijiet minn ċittadini tal-pajjiżi ta' oriġini indikati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri li jgħaddu għall-proċeduri regolari, aċċellerati u fuq il-fruntiera;

3. L-għadd ta' Stati Membri li jagħmlu użu minn mekkaniżmi nazzjonali ta' deżinjazzjoni għall-SCO/STC skont l-Artikoli 59(2) u 61(2);

4. L-għadd ta' Stati Membri li jagħmlu użu mill-eċċezzjonijiet għad-determinazzjoni tal-SCO/STC;

5. L-għadd ta' applikanti għall-ażil imqiegħda fil-proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera abbażi ta' rati ta' rikonoxximent aktar baxxi minn 20 %.

## 1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[8]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-Istati Membri huma obbligati jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali bbażati fuq il-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni għall-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil żviluppat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali. Ladarba t-testi leġiżlattivi tal-Patt jidħlu fis-seħħ, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) se tissorvejla l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament EUAA (ir-Regolament (UE) 2021/2303). L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur se tkun parti mill-monitoraġġ mill-EUAA. Barra minn hekk, ir-rapporti annwali li l-Kummissjoni trid tadotta skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jridu jinkludu r-riżultati tal-monitoraġġ tal-EUAA. Dawn id-diversi elementi għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni meta tivvaluta jekk l-Istati Membri humiex taħt pressjoni migratorja, f'riskju li jkunu taħt tali pressjoni, jew humiex qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti, kif ukoll meta tiddetermina jekk Stat Membru għandux nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tas-sistema ta' Dublin.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment*

[8] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*):

Il-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" u l-proċeduri tal-ażil huma rregolati mid-dritt tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 dwar il-Proċedura tal-Ażil. Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jkomplu jiddeżinjaw sett diverġenti ta' pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell nazzjonali, li jwassal għal differenzi evidenti bejn il-listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Approċċi nazzjonali diverġenti jkomplu joħolqu inċertezza legali, iżidu r-riskji ta' litigazzjoni, u jimminaw l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar l-ażil madwar l-Unjoni, u jwasslu wkoll għal movimenti sekondarji. Nuqqas ta' azzjoni koordinata jfixkel ukoll il-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet fost l-Istati Membri. Billi taġixxi fil-livell tal-UE, din il-proposta tiżgura l-armonizzazzjoni fir-rigward tal-pajjiżi ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċertezza legali, u s-salvagwardji proċedurali.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*):

Ladarba tiġi implimentata, din il-proposta se ssaħħaħ iċ-ċertezza legali u l-effiċjenza proċedurali billi tiżgura li, għall-pajjiżi ddeżinjati, l-Istati Membri jidderieġu l-applikanti fl-istess tip ta' proċedura tal-ażil.

L-introduzzjoni tal-limitu tar-rata ta' rikonoxximent ta' 20 % għal proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera se tiżgura li r-riżorsi tal-ażil jingħataw prijorità għal każijiet ġenwini ta' protezzjoni, filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

Fil-livell tal-UE, is-sorveljanza mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Kummissjoni se tiżgura li l-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u s-salvagwardji proċedurali. Il-proposta tilħaq bilanċ bejn l-effiċjenza u l-ġustizzja, filwaqt li tiżgura li s-sistema tal-ażil tal-UE tibqa' effettiva, prevedibbli, u allinjata mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri kienet diġà proposta mill-Kummissjoni fl-2015 u l-2016. In-negozjati interistituzzjonali dwar il-kwistjoni fallew minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-koleġiżlaturi fiż-żewġ okkażjonijiet.

Huwa għalhekk li t-tħejjija ta' din il-proposta kienet akkumpanjata minn għadd ta' konsultazzjonijiet informali fost is-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ ENEST, MENA, INTPA), kif ukoll is-SEAE, biex jiġi żgurat li l-għarfien espert tal-pajjiżi maħtura jitqies kif xieraq fl-analiżi li wasslet għall-ħatra, u li l-valutazzjoni kienet appoġġata minn evidenza konkreta u verifikabbli, fosthom fir-rigward ta' profili ta' riskju speċifiċi.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta tirriżulta mir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (2024/1348) u hija parti mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil adottat f'Mejju 2024 li għalih diġà huwa previst finanzjament. Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" mhijiex ġdida għall-

Istati Membri u l-Istati Membri se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-fondi allokati taħt il-programmi nazzjonali tagħhom kemm taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni eżistenti kif ukoll taħt il-fondi futuri għall-migrazzjoni biex jappoġġaw kwalunkwe investiment meħtieġ għall-applikazzjoni tal-kunċett. L-EUAA tista' tappoġġa lill-Istati Membri b'persunal għall-istess skop, fil-mandati rispettivi tagħhom.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

## 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[9]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, fosthom mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

---

[9] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina kontinwament is-sitwazzjoni fil-pajjiż ikkonċernat filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-Aġenzija għall-Ażil rigward bidliet sussegwenti fis-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż terz.

Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2024/1348 dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali bbażati fuq il-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ippreżentat mill-Kummissjoni, li se jissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom. Ladarba jibda japplika l-Patt, l-EUAA se tissorvelja l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament EUAA (UE) 2021/2303, inkluż l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur".

Ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) se jinkludu r-riżultati ta' monitoraġġ tal-EUAA, filwaqt li jivvalutaw jekk l-Istati Membri humiex taħt pressjoni migratorja jew qed jiffaċċjaw nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-sistema ta' Dublin.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu(i) tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Mhux applikabbli

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbilita(i) għall-mitigazzjoni tagħhom*

Wieħed mir-riskji ewlenin assoċjati mal-emenda proposta huwa li l-Istati Membri japplikaw il-preżunzjoni tas-sikurezza għall-applikanti kollha li ġejjin mill-pajjiżi ta' oriġini indikati bħala sikuri fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jittaffa dan ir-riskju, fir-rigward ta' diversi pajjiżi deżinjati, huwa speċifikat li jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali, bħala parti minn valutazzjoni individwalizzata tal-applikazzjoni għall-ażil, lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi (eż. vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, minoranzi reliġjużi, persuni LGBTIQ u ġurnalisti).

*2.2.3 Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Mhux applikabbli

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Mhux applikabbli

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

| |
|---|
| Mhux applikabbli peress li ma hemm l-ebda implikazzjoni finanzjarja jew tal-persunal. |

Jekk jogħġbok daħħal il-baġit meħtieġ fiż-żewġ tabelli ta' hawn taħt.

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[10] | mill-pajjiżi tal-EFTA[11] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[12] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[10] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[11] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[12] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | 0,000 |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | 0,000 |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | 0,000 |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | 0,000 |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[13] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | 0,000 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <…….> | Impenji | =1a+1b+3 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 |
| | Pagamenti | =2 a+2b+3 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 |

| | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|

[13] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali<br>(Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva"[14] |

| DĠ: <…….> | | Sena<br>**2024** | Sena<br>**2025** | Sena<br>**2026** | Sena<br>**2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| DĠ: <…….> | | Sena<br>**2024** | Sena<br>**2025** | Sena<br>**2026** | Sena<br>**2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

14 Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** | Impenji | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[15] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[16]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[15] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
[16] Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | |

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

*3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Total għall-perjodu 2021 - 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

*3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

*3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*[17]

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'FTEs)** | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ammin. Linja ta' | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 |

[17] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| appoġġ [XX.01.YY.YY] | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **0** | **0** | **0** | **0** |

*3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani*

| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN** | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)** | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **0** | **0** | **0** | **0** |

[Meta titqies is-sitwazzjoni ġenerali ta' tensjoni fl-Intestatura 7, f'termini kemm ta' persunal kif ukoll ta' livell ta' approprjazzjonijiet, ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu minn persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fi ħdan id-DĠ jew DĠ ieħor tal-Kummissjoni.]

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

| | **Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni** | **Persunal addizzjonali eċċezzjonali*** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka** | **Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA** | **Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi** |
| Pożizzjonijiet fit-tabella tal- | | | Mhux applikabbli | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| persunal | | | | |
| Persunal estern (CA, SNEs, INT) | | | | |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li jrid jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati skont it-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa fuq l-IT (korporattiva) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

### 3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Totali |
|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[18] | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

| |
|---|
| Mhux applikabbli peress li din hija emenda mmirata għall-APR u l-kwistjonijiet kollha relatati mad-dimensjoni diġitali huma koperti fil-Patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil. L-ebda element diġitali addizzjonali li għandu jiġi kkunsidrat |

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

| |
|---|
| [Rekwiżit 1 (R1): …]<br>[Rekwiżit 2 (R2): …] |

18 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti ddeżinjati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

### 4.2. Data

| |
|---|
| |

### 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

| |
|---|
| |

### *4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

| |
|---|
| |

### 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

| |
|---|
| |